MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 150/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Ciappara)**
**Vs**
**Wayne Scott Schembri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fl-24 ta' Marzu 2003 u fil-ġimgħa ta' qabel din id-data, forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta), lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal- Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-1 ta' Mejju 2003 u l-aħħar tliet xhur ta' qabel din id-data fi żminijiet differenti, b'atti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi w li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl- Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' w s-sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll ir-Raba' w is-Sitt Taqsima, l-artikoli 22(1)(a) u 22(1)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih u ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' €467, liema multa tista' tithallas b'rati ta' €50 fix-xahar. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma

tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jkunux thallsu. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas ukoll l-ispejjez tal-hatra tal-espert li ammonta ghal €436.36 fi zmien xahar skond il-Ligi. Fin-nuqqas ta' dan il-hlas, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 mhux imhallsa.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija ta' l-akkuzi, filwaqt li taghti sentenza aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti filli l-appellant kellu vizzju kbir ta' droga fiz-zmien ta' l-akkuzi hawn fuq indikati fejn kien jattendi d-"detox centre" u kien imbaghad pazjent residenzjali w anki ggradwa mill-programm. L-appellant irrealizza dan u ddecieda li jbiddel hajtu fejn issa ghandu xoghol fiss u huwa gharus bl-ghan li jizzewweg u jkollu familja w ghalhekk ma jixtieqx li jispicca l-habs ghax b'hekk ikun fir-riskju li jaqa' fit-tentazzjoni w jerga' jaqa' fl-istess *network* u atmosfera ta' droga li ghandu bzonn jevita.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali tindahal fi w tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena dment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccesiva w sproporzjonata ghall-kaz.

Issa f' dan l-kaz il-piena mandatorja ta' prigunerija ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet hija dik minima ta' sitt xhur prigunerija w dik massima ta' ghaxar snin prigunerija oltre l-multa. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-konkors tar-reati w pieni kontemplata fl-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali mbaghad, l-Ewwel Qorti suppost li mill-inqas erogat piena ta' terz ta' sitt xhur, (i.e. xaharejn) ghal-reat minnhom, b' dana li l-inqas piena karcerarja mandatorja kellha tkun ta' tmin (8) xhur prigunerija. Dan ghaliex f'dan il-kaz it-tieni reat ta' pussess aggravat t' eroina ma jistax jitqies li serva bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat taht l-ewwel imputazzjoni peress li z-zewg reati sehhew f' dati w ovvjament f' kuntest differenti. Ergo mhux applikabbli l-artikolu 17(h) imma l-artikolu 17(b). Ghalhekk mhux biss il-piena erogata ma hix in eccess ghal dawk dettati mill-parametri tal-ligi, izda hija addirittura inqas minn dik li kellha tkun fil-minimu taghha skond il-ligi w r-regoli tal-konkors tar-reati w pieni. L-Avukat Generali pero' ma hassx li kellu jinterponi appell minn dan u ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli timponi xi piena aktar harxa ghalkemm il-ligi titlob hekk.

Dan japplika wkoll ghall-piena pekunjarja mandatorja li giet ukoll erogata f' ammont inqas mill-minimum taghha skond l-artikolu 17(f).

Illi hu minnu li issa ghaddew sitt snin mill-kommissjoni tar-reati w li fil-frattemp dak li jkun jista' jkun biddel hajtu w qabad it-triq tas-sewwa, pero' dan wahdu ma jintitolax lill-Qrati li jerogaw piena inqas minn dik minima stabblita bil-ligi.

Barra minn hekk jidher li l-appellant diga' kien gie sentenzjat fuq offizi tad-droga diversi drabi anki ghall-reati kommessi fil-mori tal-proceduri.

Ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal xi temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b' dana biss li t-terminu ghall-hlas tal-multa ghandu jibda' jiddekorri

biss minn xahar wara li l-appellant ikun skonta l-piena tieghu kif fuq intqal.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------